**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Kostituzzjonali Nru **140/2025 (AD)**

**DANIEL MUKA**

**vs**

**IL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA**
**L-AVUKAT ĠENERALI U**
**L-AVUKAT TAL-ISTAT**

**Il-Qorti**:

1. Dan huwa provvediment dwar talba għall-ħruġ ta' miżura proviżorja ossia *interim measure* magħmula permezz ta' rikors urġenti datat ħdax (11) t'April 2025, u cioe talba għas-sospensjoni tas-smigħ tal-Att t'Akkuża Numru 6/2022 u s-soprasessjoni pendenti d-determinazzjoni tal-lanjanzi tar-rikorrenti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet premessi qabel tiġi stabbilita data sabiex jiġi ċelebrat il-ġuri ta' Daniel Muka.

**Preliminari**

2. Jirriżulta mill-atti tal-kawża fl-ismijiet premessi illi r-rikorrent qed jilmenta minn leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit mill-Artitkolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan għal żewġ raġunijiet:

   (a) Ir-rikorrent ġie rinfaċċjat, fil-mori tal-proċeduri miġjuba fil-konfront tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja u anke quddiem il-Qorti Kriminali, b'sitwazzjoni xejn feliċi mal-Avukat tal-għażla tiegħu, liema sitwazzjoni wasslet anke għal kwistjoni ċivili bejnu u l-istess Avukat, bil-konsegwenza illi r-rikorrent m'ottjeniex ir-rilaxx neċessarju sabiex jinkariga Avukat ieħor tal-għażla tiegħu. Il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, sabiex tiżblokka l-proċess, ħatret Avukat tal-Għajnuna Legali mingħajr talba espressa tar-rikorrent. Ir-rikorrent qiegħed għalhekk isostni illi l-ħatra tal-Avukat tal-Għajnuna Legali saret kontra dak illi jippreskrivi l-Artikolu 39(6)(c) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u b'mod aktar partikolari l-Artikolu 570 tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta u l-Artikolu 911 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Inoltre, jgħid ukoll illi l-Avukat tal-Għajnuna Legali kif maħtur kellu l-obbligu biss li jidher għall-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, iżda ma kellux awtorizzazzjoni li jipproċedi sabiex jissolleva l-eċezzjonijiet preliminari jew jipproċedi sabiex jiddefendi lir-rikorrent, u dan stante illi r-rikorrent qatt ma talab l-Għajnuna Legali. Għaldaqstant jgħid illi ġie mċaħħad mid-dritt illi jissolleva eċċezzjonijiet preliminari tiegħu bi ksur tal-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 7 tal-Konvenzjoni Ewropea;

   (b) Il-każ illi fih huwa nvolut ir-rikorrent huwa każ illi ġie rapportat fil-midja u l-mezzi tax-xandir, u ma jistax jingħad illi l-ġurati prospettivi mhux ser ikunu influwenzati. Ir-rikorrent jgħid illi d-dritt tal-liberta' tal-espressjoni huwa soġġett għal restrizzjonijiet li huma d-dritt ta' terzi u l-protezzjoni tagħhom, u fost dawn il-protezzjonijiet hemm id-dritt ta' proċess ġust,

liema dritt jiġi leż meta hemm ċirkostanzi ta' martellament kontinwu tal-akkużi li bihom qed jiġi akkużat ir-rikorrent;

3. Għaldaqstant, b'rikors datat ħdax (11) t'April 2025 ('il quddiem indikat bħala ***"ir-rikors kostituzzjonali"***), ir-rikorrent talab lil din il-Qorti:

   a. *Tiddikjara l-aġir tal-intimati jew min minnhom illegali u li jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti billi jiksru l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, jew liem minnhom u ksur tal-Artiklu 2 tas-7 Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, għar-raġunijiet premessi; u*

   b. *Tiddikjara li l-appuntament ta' Avukat tal-Għajnuna Legali kien kontra l-vot tal-Liġi u għalhekk ma kienx legalment rappreżentat meta huwa irċieva l-Att ta' Akkuża;*

   c. *Tordna li jerġa' jiġi notifikat b'mod legali bl-Att ta' Akkuża sabiex ikun jista' jressaq l-eċċezzjonijiet preliminari tiegħu;*

   d. *Tiddikjara preventivament li bis-sitwazzjoni li nħolqot l-esponenti huwa wisq probabbli li ma jkollux smigħ xieraq minħabba l-preġudizzju mibni kontra tiegħu u għal tali fini din l-Onorabbli Qorti tagħti dawk il-provvedimenti oltre dawk imsemmijin fis-sentenza tal-Qorti Ewropea hawn fuq ċitata ħalli miegħu ssir ġustizzja mingħajr ma jkun hemm preġudizzju minn qabel tar-rejita tiegħu u dan ikun bi ksur tal-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Kostituzzjoni fl-Artiklu 39;*

   e. *Alternattivament tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti hekk kif garantiti taħt il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali inkluż iżda mhux biss billi, tqiegħed lill-esponenti fil-pożizzjoni illi kien fil-mument qabel ġie notifikat bl-Att*

*ta' Akkuża, kif ukoll tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu kumpens u danni sofferti mill-esponenti minħabba vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tagħhom;*

*f. Bl-ispejjeż kontra l-intimati.*

4. **B'rikors urġenti datat ħdax (11) t'April 2025** (minn issa 'l quddiem ***"ir-rikors odjern"***), ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex:

> ***Tordna lill-Qorti Kriminali, sabiex tissospendi s-smigħ tal-Att ta' Akkuża Numru 6/2022 u tissopprasjedi pendenti d-determinazzjoni ta' dawn il-lanjanzi mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), qabel tiġi sabiex tipprovdi data fejn effettivament ser isir il-ġuri ta' Daniel Muka.***

5. **B'digriet datat 11 ta' April 2025, din il-Qorti ordnat n-notifika lill-intimati b'erbgha u ghoxrin (24) siegha zmien ghar-risposta u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghat-Tnejn 14 ta' April 2025 fit-8.30am;**

6. B'risposta tal-Intimati datata 14 ta' April 2025 għat-talbiet kontenuti fir-rikors odjern, l-istess intimati opponew ghat-talba maghmula mir-rikorrent ghall-hrug ta' mizura provizorja stante illi jirritjenu li ma jirrikorrux l-elementi stabbiliti mill-gurisprudenza tal-Qrati nostrana sabiex jinghata dan ir-rimedju provizorju mitlub mir-rikorrent;

7. Waqt is-seduta tal-erbatax (14) t'April 2025, din il-Qorti dderiġiet lill-partijiet li fl-udjenza ta' dakinhar kellhom jinstemgħu provi u ssir trattazzjoni dwar it-talba għal *interim measure* magħmula mir-rikorrenti fir-rikors odjern.

**Il-Qorti**

8. Wara illi rat l-atti tal-kawża odjerna;

9. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar it-talba fir-rikors odjern waqt is-seduta tat-Tnejn, erbatax (14) t'April 2025;

10. Rat illi l-Qorti ddikjarat illi kienet ser tipprovdi kameralment dwar it-talba magħmula fir-rikors urġenti tal-Ġimgħa, ħdax (11) t'April 2025;

11. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

12. Dak illi qiegħed jitlob ir-rikorrent permezz tar-rikors odjern huwa l-għoti ta' ordni proviżjonali, jew, kif inhi magħrufa aħjar, *interim measure* jew miżura *ad interim*. *Interim measures* ġew definiti bħala,

> *[U]rgent measures which, according to the Court's well-established practice, apply only where there is an imminent risk of irreparable harm. Such measures are decided in connection with proceedings before the Court without prejudging any subsequent decisions on the admissibility or merits of the case in question.*[1]

13. Din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet ***Emanuel Camilleri vs Spettur Louise Calleja et***[2] infatti osservat:

> *Illi fuq kollox, l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew provviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b'mod li jippreġudika l-mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab u bl-ebda mod ma għandu jintuża biex jorbot idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-sentenza tagħha jew kif tikkunsidra bis-serenita' jew l-indipendenza*

[1] *Factsheet* dwar *Interim Measures* maħruġa mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, Awwissu 2022 (https://www.echr.coe.int/documents/fs_interim_measures_eng.pdf)
[2] Rik Nru 50/2013, Prim'Awla Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), Onor Imħ Joseph R Micallef, 2 ta' Ġunju 2014

*meħtieġa l-provi u l-argumenti li l-partijiet iressqu quddiemha;*

Din il-Qorti għalhekk tibda billi tagħmilha ċara illi l-eżami illi sejra tagħmel rigward ir-rikors odjern, kemm jekk tintlaqa' t-talba odjern u kemm jekk ma tiġix milqugħa, bl-ebda mod mhu ser jinċidi fuq l-eżitu tal-kawża proprja. F'każ illi t-talba tiġi miċħuda, xorta waħda t-talbiet fil-mertu jistgħu jirnexxu wara li jinstemgħu l-provi u l-argumenti kollha fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u, bl-istess mod, il-fatt illi talba tiġi milqugħa issa lanqas ifisser illi t-talbiet fil-mertu sejrin awtomatikament bilfors jirnexxu;

14. Huwa prinċipju assodat f'ġurisprudenza kemm tal-Qrati nostrana u kif ukoll anke tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem illi tali miżuri ma jiġux akkordati għalxejn jew b'kapriċċ, iżda jingħataw f'każijiet fejn ikun hemm periklu illi bil-prosegwiment naturali tal-proċeduri, ser ikomplu jiġu ppreġudikati d-drittijiet fundamentali tal-persuna illi tkun qed tallega leżjoni tal-istess. Ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Mamatkulov and Askarov v. Turkey***[3] illi:

> *104. Interim measures have been indicated only in limited spheres. Although it does receive a number of requests for interim measures, in practice the Court applies Rule 39 only if* ***there is an imminent risk of irreparable damage****. While there is no specific provision in the Convention concerning the domains in which Rule 39 will apply, requests for its application usually concern the right to life (Article 2), the right not to be subjected to torture or inhuman treatment (Article 3) and, exceptionally, the right to respect for private and family life (Article 8) or other rights guaranteed by the Convention. The vast majority of cases in which interim*

[3] Appl Nr 46827/99 and 46951/99, European Court of Human Rights (Grand Chamber), Reports of Judgements and Decisions 2005-I, 4 February 2005 **(emfasi ta' din il-Qorti).** Ara wkoll ***Shamayev and Others v. Georgia and Russia***, Appl Nr 36378/02, European Court of Human Rights (Second Section), Reports of Judgements and Decisions 2005-III, 12 April 2005, § 473

*measures have been indicated concern deportation and extradition proceedings.*

*[...]*

*108. In cases such as the present one where there is plausibly asserted to be a risk of irreparable damage to the enjoyment by the applicant of one of the core rights under the Convention, the object of an interim measure is to maintain the status quo pending the Court's determination of the justification for the measure. As such, being intended to ensure the continued existence of the matter that is the subject of the application, the interim measure goes to the substance of the Convention complaint. As far as the applicant is concerned, the result that he or she wishes to achieve through the application is* ***the preservation of the asserted Convention right before irreparable damage is done to it****. Consequently, the interim measure is sought by the applicant, and granted by the Court, in order to facilitate the "effective exercise" of the right of individual petition under Article 34 of the Convention in the sense of preserving the subject matter of the application when that is judged to be at risk of irreparable damage through the acts or omissions of the respondent State.*

15. Filwaqt illi huwa minnu illi, hekk kif qalet din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Rosette Thake noe et vs L-Onor. Prim Ministru et,*** *"[M]a hemm l-ebda dispożizzjoni li tillimita l-għoti ta' provvediment [provviżorju] biss għall-[l-Artikoli 2 u 3 tal-Konvenzjoni Ewropea]"*, din il-Qorti tinnota illi:

*Interim measures are applied only in* ***limited situations****: the most typical cases are ones in which there are fears of*

- *A threat to life (situation falling under Article 2 of the Convention) or*
- *Ill-treatment prohibited by Article 3 of the Convention (prohibition of torture and inhuman or degrading treatment).*

*In highly exceptional cases, they can also be applied in respect of certain requests relating to other rights enshrined in the Convention.*

*The majority of interim measures indicated relate to expulsion or extradition proceedings or to applicants' state of health in places of detention.*[4]

16. L-għoti ta' miżura provviżjonali dwar drittijiet fondamentali illi mhumiex dawk protetti bl-Artikolu 2 jew 3 tal-Konvenzjoni huma għalhekk l-eċċezzjoni u mhux ir-regola, b'dana illi kull każ ikollu jitqies fiċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Hekk, per eżempju, fir-rigward ta' vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, ġew akkordati mill-Qorti ta' Strasburgu talbiet għal miżuri *ad interim* f'każijiet fejn:

    (a) bord ta' dixxiplina ordna illi titneħħa l-immunita' ġudizzjarja ta' Imħallef sabiex tittieħed azzjoni kriminali fil-konfront tiegħu, b'deċiżjoni illi l-istess Imħallef allega illi kienet illediet id-dritt fondamentali tiegħu għal smigħ xieraq (***Wróbel v. Poland****,* Appl Nru 6904/22[5]). Il-Qorti Ewropea ordnat illi ma tiġix reża eżekuttiva din id-deċiżjoni qabel il-Qorti Ewropea tiddeċiedi dwar il-lanjanzi tal-applikant;

    (b) ir-rikorrent kien ġie kundannat għall-piena kapitali wara proċeduri illi huwa allega illi fihom ġew leżi d-dritt fondamentali tiegħu għal smigħ xieraq (***Öcalan v. Turkey****,* Appl Nru 46221/99). Il-Qorti Ewropea ordnat

[4] Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, *General Presentation of Interim Measures* (https://www.echr.coe.int/Documents/PD_interim_measures_intro_ENG.pdf)
[5] Ara wkoll: ***Stepka v. Poland*** (Appl Nr 18001/22) u ***Zawislak v. Poland*** (Appl Nr 18632/22), fost oħrajn

illi ma ssirx l-eżekuzzjoni tas-sentenza qabel hija tiddeċiedi dwar l-ilmenti tal-applikant;

(c) ir-rikorrenti kienet tbati minn *schizophrenic paranoia,* u, fit-termini tal-liġi domestika ma kellhiex il-kapaċita' legali illi tagħżel avukat tal-fiduċja tagħha (***X v. Croatia***, Appl Nru 11223/04). Il-Qorti Ewropea ordnat lill-Istat jaħtar Avukat sabiex jirrappreżenta lir-rikorrenti fil-proċeduri quddiemha, illi fihom kienet qed tallega illi bintha ngħatat b'adozzjoni mingħajr il-kunsens u l-konsapevolezza tagħha, b'dana illi l-Qorti Ewropea aċċertat ruħha illi r-rikorrenti jkollha rappreżentanza legali adegwata;

17. Meta wieħed imbagħad idur lejn l-isfera lokali, hekk kif tispjega din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet ***HSBC Bank (Malta) p.l.c. vs L-Avukat tal-Istat et***[6], il-prinċipji enunċjati mill-Qorti ta' Strasburgu ġew applikati wkoll mill-Qrati Maltin, u, xi drabi, estiżi, b'tali mod illi kien hemm istanzi fejn il-Qrati Maltin taw rimedji anke f'sitwazzjonijiet illi fihom il-Qorti ta' Strasburgu ċaħad it-talba għal miżura proviżjonali. B'referenza għal numru ta' sentenzi mogħtija mill-Qrati nostrana matul is-snin, ġew identifikati f'din is-sentenza ħames (5) elementi illi jistgħu jiġu llum konsidrati bħala *"għadd ta' linji-gwida fl-għoti o meno ta' interim measures"*:

1. *"Ir-rimedju jingħata biss meta* ***ma jkun hemm l-ebda rimedju ordinarju a disposizzjoni tar-rikorrent****"*;

2. *"Biex ikun jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ* ***prima facie ta' ksur*** *ta' jedd fundamentali. Mhux biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi* ***sitwazzjoni ipotetika*** *jew li* ***mhix ċerta li sseħħ****"*;

[6] Rik Nru 227/2019, Prim'Awla (Qorti Ċivili), Onor Imħ Grazio Mercieca, 16 ta' Ġunju 2020. Għalkemm il-mertu kien divers minn dak odjern, il-prinċipji legali sottolineati mill-Qorti għandhom ukoll applikazzjoni għall-mertu tal-każ odjern.

3. *“Tkun sejra sseħħ **ħsara li ma tkunx tista’ titreġġa’ lura** għall-**interessi vitali** tal-parti kkonċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jinħtiġilha tagħmel. Ingħad f’dan il-kuntest li l-għoti tal-interim order jingħata biss **eċċezzjonalment** f’każijiet ta’ “**urġenza estrema**”.”*;

4. *“L-eżistenza ta’ **riskju imminenti**, li għalhekk jimmerita t-teħid ta’ miżuri urġenti. Sabiex ikun hemm lok għat-teħid ta’ interim measure il-ħsara mhedda jeħtieġ li tkun **mhux biss irreparabbli iżda wkoll imminenti** għaliex altrimenti ma jistax jingħad li hemm dik l-urġenza li tiskatta l-ħtieġa għat-teħid tal-miżura eċċezzjonali msemmija”*;

5. *“**Fil-każ li jkun hemm ġudikat, xorta jista’ jingħata r-rimedju proviżorju, iżda biss f’każijiet verament eċċezzjonali**”*;

18. L-*interim measure* illi qiegħed jintalab fil-każ odjern jikkonsisti fis-sospensjoni tas-smigħ tal-Att t’Akkuża Numru 6/2022, u s-soprasessjoni, pendenti d-determinazjoni tal-lanjanzi tar-rikorrent quddiem din il-Qorti, u cioe illi:

a. Ġie maħtur Avukat tal-Għajnuna Legali mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja mingħajr talba espressa tar-rikorrent, b’dana illi l-Avukat tal-Għajnuna Legali hekk maħtur ma ġiex awtorizzat sabiex jipproċedi għall-eċċezzjonijiet preliminari jew biex jiddefendi lir-rikorrent;

b. Illi l-ġurati m’humiex ser ikunu imparzjali meta jiġu biex jisimgħu u jeżaminaw ix-xhieda u dokumentazzjoni li tiġi prodotta fil-ġuri, u dan per causa tal-pubblicita’ tal-każ fil-konfront tar-rikorrenti fil-mezzi tax-xandir ul-ġurnali;

19. Jiġi l-ewwelnett senjalat illi dak illi qiegħed jintalab fil-kawża odjerna – u cioe, is-sospensjoni u s-soprasessjoni tal-proċeduri kriminali sakemm tiġi deċiża l-kawża odjerna – seta' faċilment jiġi ottenut b'mod awtomatiku li kieku r-rikorrent għażel illi, minflok jintavola kawża quddiem din il-Qorti, jirrikorri għall-proċedura kontemplata fl-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u cioe jitlob referenza kostituzzjonali fil-proċeduri kriminali kif isegwi:

> *(3) Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni.*

20. Dwar l-obbligu o meno tas-soprasessjoni ingħad fil-provvediment mogħti fl-ismijiet ***Glenn Bedingfield vs Kummissarju tal-Pulizija et***[7]:

> *Huwa veru illi fil-proceduri inizjati b'rikors ai termini tas-subinciz 1, id-decizjoni tal-Prim'Awla u tal-Qorti Kostituzzjonali ma kinitx awtomatikament torbot lill-Qorti tal-Magistrati li quddiemha l-appellant kien ghaddej proceduri kriminali. Dan naturalment b'mod specifiku in kwantu s-subinciz 3 li jimponi fuq il-Qorti li ssegwi d-decizjoni ta' l-organi gjudizzjarji kostituzzjonali hu limitat ghall-kazijiet fejn dik il-Qorti taghmel riferenza. B'mod aktar generiku, pero', ghandu jinghad illi l-organi*

[7] Appell Ċivili Nru 721/1999/1, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Lulju 2000

*gjudizzjarji kostituzzjonali kellhom il-poter li jaghtu kull rimedju xieraq u adegwat biex iwettqu jew jizguraw it-twettiq ta' kull wahda mid-disposizzjonijiet protettivi tal-jeddijiet fondamentali. Rimedji li setghu jinkludu ordnijiet u direttivi li kull persuna u organu, inkluz dak gjudizzjarju, kellu l-obbligu li jsegwi u jobdi. F'dan is-sens lat allura Qrati ohra li ma jkunux il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzjonali ma setghux impunement u leggerment jinjoraw jew jitraskuraw decizjonijiet ta' l-organi gjudizzjarji kostituzzjonali mahsuba biex jassiguraw it-twettiq tal-jeddijiet fondamentali.* ***Certament pero', Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali illi quddiemha ma tqumx kwistjoni kostituzzjonali li fuqha taghzel li taghmel riferenza, ma kellha l-ebda obbligu li tissopressjedi u tistenna l-ezitu u d-decizjoni dwarha mill-organi gjudizzjarji kostituzzjonali fuq talba b'rikors maghmula direttament quddiemha****.* [Emfasi ta' din il-Qorti] *Dan l-obbligu jirrizulta biss fi proceduri provokati fit-termini tas-subinciz 3 taht ezami u hu limitat biss ghall-kwistjoni kostituzzjonali. Dan ifisser illi dik il-Qorti l-ohra setghet u kellha tipprocedi bis-smiegh tal-kawza quddiemha fejn u sakemm dan ikun konsentit min-natura tal-kwezit kostituzzjonali, quddiemha imqanqal u minnha riferit.*

*6. Meta ghall-kuntrarju Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tkun informata illi quddiem l-organi gjudizzjarji kostituzzjonali kien gie intavolat rikors dwar xi kwistjoni li tinvolvi ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet protettivi tal-jeddijiet fondamentali li seta' kellu rilevanza ghall-proceduri quddiemha u kellha allura f'dan ir-rigward talba biex tissoprassjedi sakemm dak il-mertu jigi deciz mill-organi gjudizzjarji kostituzzjonali, hi ma setghetx u ma kellhiex*

*tikkonsidra tali talba fid-dawl tas-subinciz 3 in kwantu l-kwistjoni dwar il-ksur tal-jedd fondamentali ma tkunx strettament qamet quddiemha izda tkun qamet quddiem l-organu gjudizzjarju kostituzzjonali. Ma kellha allura l-ebda jedd tinvestiga jekk it-tqanqil tal-kwistjoni kienx sempliciment frivolu jew vessatorju una volta tali mertu ma kienx tqanqal quddiemha u lanqas ma kienet obbligata li tissoprassjedi sakemm tali mertu jigi purament deciz mill-organi kompetenti. Dik il-Qorti kellha allura tqis it-talba ghas-soprasessjoni bhal kull talba ohra ta' din ix-xorta quddiem il-Qrati ordinarji u bl-applikazzjoni tar-regoli procedurali applikabbli f'kazijiet ta' din ix-xorta. Tenut kont ukoll tal-principju li l-kontestazzjoni kostituzzjonali ma kellhiex necessarjament twassal ghas-sospensjoni tal-proceduri quddiem il-Qrati ordinarji li kienu tenuti u obbligati japplikaw in-normi tal-ligijiet vigenti sakemm dawn ma jkunux gew validament impunjati.*

21. Jirriżulta għalhekk illi talba għas-sospensjoni u soprasessjoni ma tiġix ikkunsidrata minn din il-Qorti, u dan kemm jekk issir talba għal referenza taħt is-subartikolu (3), u kemm jekk issir talba b'rikors intavolat quddiem din il-Qorti. Fi kwalunkwe każ, hija l-Qorti ordinarja illi tiddeċiedi dwar is-soprasessjoni. Dan anke jekk, effettivament, ir-rikorrent mhux obbligat illi jitlob referenza ai termini tas-subinċiż (3), iżda jista' jintavola proċeduri separati bħalma għamel fil-każ odjern. Dan jirrendi lil din il-Qorti prekluża milli tiddeċiedi dwar jekk għandux ikun hemm is-sospensjoni u s-soprasessjoni ta' kawża quddiem il-Qrati ordinarji sakemm tiġi deċiża kwestjoni dwar allegazzjoni ta' leżjoni ta' drittijiet fundamentali;

22. Inoltre, imbagħad, u mingħajr preġudizzju għall-premess, applikati l-prinċipji legali suesposti dwar l-eċċezzjonalita' ta' *interim measure* għall-mertu tar-rikors odjern, din il-Qorti xorta waħda tqis illi talba għal *interim measure* mhix ġustifikata, u dan stante illi <u>ma jissussistux l-elementi</u>

meħtieġa sabiex tintlaqa' t-talba kif dedotta. Din il-Qorti hadet *judicial notice* tal-atti tal-process kriminali (Att ta' Akkuza 6/2022) u ma ssibx illi jirriżulta mill-każ odjern xi *prima facie* ksur ta' jedd fundamentali. Ir-rikorrent ngħata żmien ampju sabiex jinkariga avukat tal-fiduċja u tal-għażla tiegħu, u infatti l-ġuri diġa ġie pospost drabi oħra sabiex ir-rikorrent jingħata din il-possibilta', possibilita' illi r-rikorrent baqa' ma ħax vantaġġ minnha. Minkejja illi r-rikorrent jgħid illi ma ngħatax il-possibilta' illi jissolleva eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, jidher illi l-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari sollevati mir-rikorrenti mhux talli ġew trattati mill-Qorti Kriminali, iżda saħansitra anke mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Inoltre, f'dak illi jirrigwarda l-imparzjalita' o meno tal-ġurija, din il-Qorti tqis illi dan huwa sempliċiment ipotesi. Il-ġuri għadu ma bediex, u sentenza għadha ma ngħatatx. Kemm il-ġurati kif ukoll l-Imħallef illi ser jippresjedi l-ġuri in kwestjoni, huma meqjusa indipendenti u imparzjali, u f'dan il-punt ma jistax wieħed jikkonstata jekk il-mod kif sejrin eventwalment jiddeċiedu l-istess ġurati u Imħallef huwiex leżiv għad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti. Huwa evidenti għalhekk, illi ma jissussistix ksur fuq bażi *prima facie* tad-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq, anzi l-ilment illi fuqu qiegħed jibbaża t-talba odjerna r-rikorrent huwa wieħed ipotetiku u m'hemm assolutament l-ebda ċertezza illi ser iseħħ;

23. Il-Qorti lanqas hi tal-fehma illi, fin-nuqqas tagħha illi tilqa' t-talba odjerna, ser jiġi kkawżat lir-rikorrent xi ħsara irrimedjabbli. Hekk kif ġia ġie senjalat, fil-każ illi l-ġuri jibda jinstema' u jintemm qabel tiġi deċiża l-kawża fl-ismijiet premessi fil-mertu, ir-rikorrent jibqagħlu rimedju ieħor quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, kif ukoll rimedji ta' natura Kostituzzjonali quddiem din il-Qorti, il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta, u l-Qorti ta' Strasburgu, fil-każ illi xorta waħda jibqa' tal-fehma illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu;

24. Għaldaqstant, in konklużjoni, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-fatturi premessi jimmilitaw kontra l-ilqugħ tat-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-*interim measure*.

**Decide**

25. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **<u>tiċħad</u>** it-talba tar-rikorrent għall-ħruġ ta' miżura proviżorja ossia *interim measure*, sabiex tordna lill-Qorti Kriminali sabiex tissospendi s-smigħ tal-Att t'Akkuża Nru 6/2022 u tissoprassjedi pendenti d-determinazzjoni ta' dawn il-lanjanzi mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) qabel tiġi sabiex tipprovdi datat fejn effettivament isir il-ġuri ta' Daniel Muka.

Ghal kull buon fini, il-Qorti qed tordna komunika ta' dan id-digriet lir-Registratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali.

Bl-ispejjeż ta' dan l-episodju a karigu tar-rikorrent.

**Digriet Kamerali moghti illum 14 ta' April 2025.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Reġistratur**